MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Numru. 471/2005

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA
VS
VERONIQUE BORG COSTANZI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Veronique Borg Costanzi, ta’ 42 sena, bint Victor u Maria Carmela sive Lina nee’ Dingli, imwielda Floriana fl-10 ta’ Jannar 1963, u residenti f’Michaela, Ix-Xatt ta’ San Gorg, San Giljan, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 32264(M), u akkuzata talli f’dawn il-gzejjer f’Settembru 2003, jew fix-xhur ta’ qabel, xjentement laqghet ghandha jew xtraqt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom u cioe’ cekk ta’ Karen Mifsud.

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, naqset li tgharraf lill-Pulizija fi zmien gimgha li c-cekk ta' Karen Mifsud kien fil-pussess taghha minkejja li kienet taf li kien misruq jew mehud b'qerq jew akkwistati b'reat.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer f'Settembru 2003, jew fix-xhur ta' qabel, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' cekk ta' Karen Mifsud.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu preentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'fasifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe' cekk ta' Karen Mifsud.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet

haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' sittin lira Maltin (Lm60) ghad-dannu ta' Emanuel Borg minn Hal Qormi.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata, u l-konferma tal-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputata ghal zmien konsiderat ghar-rikonsiderazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tal-imputata, il-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza, b'assorbiment tal-akkuzi l-ohra, u wara li rat l-Artiklu 334, 183, 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7(1)(5)(a)(b)(d) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputata taht ordni ta' 'probation', taht is-sorveljanza ta' 'probation officer' li tigi nominata mid-Direttur tal-Probation Services, u dan ghal perjodu ta' sentejn.

In oltre, tqieghda taht 'treatment order' ghal l-istess perjodu sabiex l-imputata tkompli l-program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga li hija diga' bdiet mal-Caritas, u cioe' billi tkompli tattendi sezzjonijiet mal-Caritas, u tkompli sezzjonijiet mal-psikologa darba kull hmistax, skond kif jigi ordnat mid-dirigenti tal-Caritas, u dawn

independentement mis-sezzjonijiet li l-imputata ghandha zzomm mal-‘probation officer’ taghha. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputata hallset il-pendenzi li kellha lid-derubata minhabba l-fatt li jidher illi l-imputata ddecidiet illi ssegwi l-program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga bis-serjeta’.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi mibghuta lid-Direttur tal-Probation Services, u tigbed l-attenzjoni tal-istess Direttur ghall-fatt illi l-‘probation officer’ Mariella Camilleri ga hija ntiza fuq il-kaz ta’ l-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------